QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 13 TA' LULJU 2001

Avviz Nru 1520/99DM

Paul u Sabrina konjugi Farrugia

vs

John Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni kkawzati lill-mittenti u lill –propjeta taghhom wara incident awtomobilistiku li gara f'The Strand, Gzira fit-13 ta' Lulju 1999 liema incident gara unikament tort tal-konvenut, bl-imghaxijiet fuq l-istess danni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Settembru 1999 kontra l-konvenut li gie ngunt minn issa ghas-subizzjoni..

Ghal fini ta' valur l-attur iddikjara illi s-somma dovuta hija taht il-Lm500.00 lira

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal- konvenut John Farrugia fejn eccepixxa:

1 Illi l-eccipjent ma kellu l'ebda tort jew htija fl-incident msemmi fl-Avviz li gara unikament b'tort u htija tal-attur, Paul Farrugia, is-sewwieq tal-vettura LCA 252, minhabba imprudenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' dan l-istess attur, Paul Farrugia u, ghalhekk, l-eccipjent

m'huwiex responsabbli ghal-imsemmi incident u ghad-danni pretizi mill-atturi u d-domandi ta' l-atturi ghandhom, kwindi jigu michuda bl-ispejjez.

2 Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

**Ikkunsidrat:**

Illi ghalkemm il-konvenut ikkontesta t-talba attrici u pprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu huwa la deher f'dawn il-proceduri u lanqas ma pproduca ebda prova in sosten tal-eccezzjonijiet tieghu.

Mill-provi prodotti mill-attur jirrizulta definittivament illi kienu l-atturi li kienu il-main producers, qedghin jipprocedu f'The Strand, il-Gzira u illi kien il-konvenut illi biex jaqsam minn karreggjata ghal ohra ried jaghmel U turn f'din it-triq principali wahda mill-arterji principali tat-traffiku go Malta. Kien ghalhekk jispetta l-konvenut sabiex qabel ma jaghmel din il-manuvra perikoluza huwa kellu jiehu l-prekawzjonijiet sabiex jaccerta ruhu qabel ma jaghmel il-manuvra illi ma kien se jikkrea ebda ostaklu ghal vetturi li kienu qedghin jipprocedu fil-karreggjata illi huwa ried jidhol.

Ghalhekk kien jispetta lil konvenut li jgib il-provi biex huwa jissodisfa lil Qorti, illi huwa kien ha il-prekawzjonijiet necessarji u mhux hu kien invaga l-karreggjata tal-atturi izda kienu l-atturi illi waqt illi l-konvenut kien qed jaghmel il-manuvra tieghu b'mod regolari, b'nuqqas t'attenzjoni dahlu go fih.

Il-konvenut pero ma gab ebda prova simili u l-provi li producew l-atturi iwassluha lil din il-Qorti illi l-unika sewwieq responsabbli ghal din il-kollizzjoni kien il-konvenut billi meta prova jaghmel il-manuvra gia deskritta huwa ma hax il-prekawzjonijiet necessarji u ma hax hsieb li ma jkun ta' ebda ostaklu ghat-traffiku li kien qed juza il-main road dak il-hin.

In oltre mill-provi prodotti jirrizultaw ampjament id-danni li sofrew il-konjugi Farrugia l-atturi f'din il-kawza u dawn jammontaw ghas-somma totali ta' tlett mija, wiehed u tmenin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm381.50) skond ir-ricevuti minnu esibiti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talba attrici u qieghda tillikwida d-danni illi gew ikkawzati fl-incident inkwistjoni fis-somma ta' tlett mija, wiehed u tmenin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm381.50) u filwaqt li tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghal incident inkwistjoni qieghda tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-atturi is-somma minnhom mitluba ta' tlett mija, wiehed tmenin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm381.50) bl-imghaxijiet legali b'effett mit-30 t'Ottubru 1999;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
MAGT